MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Numru. 840/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**NADINE CHRISTINE FENECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Nadine Christine Fenech, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 264382 (M).

**Akkuzata talli:**

F’dawn il-Gzejjer fit-28 ta` Awwissu, 2013, ghal habta tat-tlieta ta` wara nofs in-nhar (03:00pm) f’San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

Ingurjat, jew hedded, jew ghamlet offiza fuq persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

Akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkagunat ferit ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` PC 729 Kevin Matthew Deceli persuna inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

Akkuzata ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta` xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

Akkuzata aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament, hassret, ghamlet hsara, hjew gharrqet haddiehor u cioe` vettura numru ta` registrazzjoni VAL 729 ta` l-ghamla **Mitsubishi** ghad-dannu ta` Valerie Decelis u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma hu izjed minn mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

Akkuzata aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Akkuzata aktar illi fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

**Il-Qorti:**

Rat id-dokumenti esebiti u semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li rat l-Artikoli 95, 221 (1), 222 (1) (c), 96, 325, 338 (dd) u 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1) millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------